**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Frar, 2002

**Numru 1**

**Avviz. numru 102/02JR**

**Blye Engineering Company Limited**

**vs**

**Antoine Micallef, Dennis Micallef u Renato Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Jannar, 2002, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tmienja u sittin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm568.68), bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull fattura, prezz ta' kompressur "semi-sealed" (Dok.A) u oggetti ohra mibjugha lill-konvenuti inkluz ammont ta' xoghol esegwit (Dok.B).**

**Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fid-19 ta' Frar, 2002, li biha gie cedut is-sorte pero` nzammet ferm it-talba ghall-hlas ta' l-imghaxijiet mid-data ta' kull fattura, u l-ispejjez kollha tal-kawza.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-imghaxijiet legali, fuq is-somma ta' hames mija u sbatax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm517.50) mit-22 ta' Awissu, 2000, u l-imghaxijiet kummercjali fuq is-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltija u tmentax-il centezmu (Lm51.18) mill-20 ta' Settembru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**